

Il-Ġurnal Uffiċjali L 296

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

16 ta' Novembru 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2236 tal-20 ta' Ġunju 2022 li jemenda l-Annessi I, II, IV u V tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi għal vetturi prodotti f'serje illimitata, vetturi prodotti f'serje żgħira, vetturi kompletament awtomatizzati prodotti f'serje żgħira u vetturi bi skop speċjali, u fir-rigward tal-aġġornament tas-software ⁽¹⁾.....** 1

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2236

tal-20 ta' Ġunju 2022

li jemenda l-Annessi I, II, IV u V tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi għal vetturi prodotti f'serje illimitata, vetturi prodotti f'serje żgħira, vetturi kompletament awtomatizzati prodotti f'serje żgħira u vetturi bi skop speċjali, u fir-rigward tal-aġġornament tas-software

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 31(8) u l-Artikolu 41(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-fini taċ-ċertifikazzjoni tas-CO₂, kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362⁽²⁾, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn it-trejlers u s-semi-trejlers minn trejlers b'kollegament użati f'kombinazzjonijiet tas-Sistema Modulari Ewropea" (EMS). Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji, jenħtieġ li t-tipi ġodda ta' karozzerija jiżdedu mal-lista ta' vetturi tal-kategorija O kif stabbilit fl-Anness I, Parti C, il-punt 5, tar-Regolament (UE) 2018/858.
- (2) It-tabella stabbilita fl-Anness II, il-Parti I, tar-Regolament (UE) 2018/858 fiha l-lista ta' rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje illimitata, b'lista ta' atti regolatorji korrispondenti. Jeħtieġ li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji billi jiġu aġġornati xi wħud mir-referenzi f'dik it-tabella li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati. B'mod partikolari, jenħtieġ li tiġi introdotta referenza għar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza ġuridika u simplifikazzjoni, huwa xieraq li t-tqassim ta' dik it-tabella jiġi allinjat ma' dak li jinsab fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni tat-trejlers heavy-duty rigward l-influwenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-medda tas-sewqan b'emissjonijiet zero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

- (3) It-tabella stabbilita fl-Anness II, il-Parti I, l-Appendiċi 1 tar-Regolament (UE) 2018/858 fiha l-lista ta' atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje żgħira skont l-Artikolu 41 ta' dak ir-Regolament. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tali vetturi fir-rigward tas-sistemi previsti fir-Regolament (UE) 2019/2144 u fl-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament. Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti li jenħtieġ li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa ta' vetturi kompletament awtomatizzati prodotti f'serje żgħira biex jippermettu l-introduzzjoni progressiva iżda rapida tat-teknoloġija f'konformità mad-dati ta' applikazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2144. Fl-istadju ta' wara, il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq l-iżvilupp u l-adozzjoni, sa Lulju 2024, tar-rekwiżiti meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa ta' vetturi kompletament awtomatizzati prodotti f'serje illimitata.
- (4) It-tabelli stabbiliti fl-Anness II, il-Parti III, l-Appendiċijiet 1 sa 6 tar-Regolament (UE) 2018/858 fihom ir-rekwiżiti speċifiċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi bi skop speċjali. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jitqiesu r-Regolament (UE) 2019/2144 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament.
- (5) Meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għal vetturi prodotti f'serje żgħira jew vetturi bi skop speċjali, jeħtieġ li jitqiesu l-każijiet fejn ir-rekwiżiti previsti għal vetturi prodotti f'serje kbira ma jkunux kompatibbli mal-użu jew mad-disinn ta' tali vetturi, jew fejn il-piż addizzjonali impost minnhom ikun sproporzjonat. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-manifatturi ta' vetturi prodotti f'serje żgħira u ta' vetturi bi skop speċjali jingħataw biżżejjed żmien biex jimplimentaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti l-ewwel japplikaw mis-7 ta' Lulju 2024 għat-tipi ġodda ta' vetturi u mis-7 ta' Lulju 2026 għall-vetturi ġodda kollha.
- (6) F'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144, xi wħud mir-Regolamenti tan-NU elenkati fit-tabella stabbilita fl-Anness II, il-Parti II tar-Regolament (UE) 2018/858 jenħtieġ li japplikaw għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Għalhekk, ma għadux meħtieġ li tali Regolamenti tan-NU jiġu rikonoxxuti bħala alternattiva għall-atti regolatorji elenkati fil-Parti I ta' dak l-Anness u, konsegwentement, jenħtieġ li jitneħħew minn dik it-tabella.
- (7) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/848 ⁽⁴⁾, il-pożizzjoni meħuda fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti kienet favur ir-Regolament tan-NU Nru 156 – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-aġġornamenti tas-software u tas-sistema ta' ġestjoni tal-aġġornamenti tas-software [2021/388] ⁽⁵⁾, bil-ħsieb li jiġi applikat għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Jeħtieġ li r-Regolament tan-NU Nru 156 jiġi jiddied mal-lista ta' atti regolatorji li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa. Peress li l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/858 fih ir-rekwiżiti relatati mal-arranġamenti biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni, huwa xieraq li tiġi introdotta referenza għar-Regolament tan-NU Nru 156 f'dak l-Anness, bħala parti mill-proċeduri u l-arranġamenti li l-manifatturi jridu jimplimentaw biex jiżguraw il-konformità u s-sigurtà tal-aġġornament tas-software.
- (8) Bl-iżvilupp tat-teknoloġija, il-vetturi bil-mutur qed isiru dejjem aktar kumplessi bl-użu ta' aktar sistemi elettroniċi li jeħtieġu aġġornament regolari tas-software. Peress li dan l-aġġornament tas-software jista' jaffettwa l-funzjonament ta' sistemi u funzjonalitajiet approvati oħra fil-vetturi kkonċernati, il-manifatturi jenħtieġ li jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tal-aġġornament tas-software bħala parti mill-konformità tagħhom tal-proċess tal-produzzjoni. Jenħtieġ li l-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jintegraw tali sistemi fl-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa u b'mod partikolari fir-rigward ta' vetturi kompleti ġodda u vetturi kompluti ġodda rispettivament.
- (9) Għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa ta' vetturi kompletament awtomatizzati tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃, huwa meħtieġ li fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/858 jiġu stabbiliti l-limiti kwantitattivi annwali li jenħtieġ li japplikaw għal dawk il-vetturi.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/848 tas-16 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Nru 13, 14, 16, 22, 30, 41, 78, 79, 83, 94, 95, 101, 108, 109, 117, 129, 137, 138, 140 u 152 tan-NU, fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Tekniċi Globali Nru 3, 6, 7, 16 u 19, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3. u fir-rigward tal-proposti għal ħames Regolamenti ġodda tan-NU b'rabta mas-sikurezza, mal-emissjonijiet u mal-awtomatizzazzjoni fil-qasam tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 196, 19.6.2020, p. 5).

⁽⁵⁾ ĠU L 82, 9.3.2021, p. 60.

- (10) Għalhekk, l-Annessi I, II, IV u V tar-Regolament (UE) 2018/858 jenħtieġ li jiġu emendati f'konformità mal-Annessi ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/858

Ir-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (3) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (4) l-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. B'effett mis-6 ta' Lulju 2022, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali lil kwalunkwe tip ġdid ta' vettura, meta l-manifattur jeżegwixxi aġġornamenti tas-software li jaffettwaw il-karatteristiċi b'approvazzjoni tat-tip ta' dawk il-vetturi wara r-reġistrazzjoni tagħhom, jekk tali vetturi ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aġġornament tas-software.

2. B'effett mis-6 ta' Lulju 2022, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa jew għall-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vetturi, meta l-manifattur jeżegwixxi aġġornamenti tas-software li jaffettwaw il-karatteristiċi b'approvazzjoni tat-tip ta' dawk il-vetturi wara r-reġistrazzjoni tagħhom, jekk tali vetturi jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aġġornament tas-software.

3. B'effett mis-7 ta' Lulju 2024, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkunsidraw, abbażi ta' raġunijiet relatati mal-aġġornament tas-software, ċertifikati ta' konformità fir-rigward ta' vetturi ġodda bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/858, u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, meta l-manifattur iwettaq aġġornamenti tas-software li jaffettwaw il-karatteristiċi b'approvazzjoni tat-tip ta' dawk il-vetturi wara r-reġistrazzjoni tagħhom, jekk tali vetturi ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aġġornament tas-software.

4. B'effett mis-7 ta' Lulju 2024, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, abbażi ta' raġunijiet relatati mal-aġġornament tas-software, li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali lil kwalunkwe tip ġdid ta' vettura, jekk dawk il-vetturi ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aġġornament tas-software.

5. B'effett mis-7 ta' Lulju 2024, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa għal vetturi prodotti f'serje żgħira jew bi skop speċjali, jekk dawk il-vetturi ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II, il-punt (2), it-tabella 1, u l-punt (4) ta' dan ir-Regolament.

6. B'effett mis-7 ta' Lulju 2026, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu ċ-ċertifikati ta' konformità fir-rigward ta' vetturi ġodda prodotti f'serje żgħira jew bi skop speċjali bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/858, u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tali vetturi, jekk dawk il-vetturi ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II, il-punt (2), it-tabella 1, u l-punt (4) ta' dan ir-Regolament.

7. B'effett mis-7 ta' Lulju 2026 l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkunsidraw, abbażi ta' raġunijiet relatati mal-aġġornament tas-software, ċertifikati ta' konformità fir-rigward ta' vetturi kompleti ġodda bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/858, u għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' tali vetturi, jekk dawk il-vetturi ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aġġornament tas-software.

8. B'effett mis-7 ta' Lulju 2029, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkunsidraw, abbażi ta' raġunijiet relatati mal-aġġornament tas-software, ċertifikati ta' konformità fir-rigward ta' vetturi kompluti ġodda bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/858, u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tali vetturi, jekk dawk il-vetturi ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2018/858, kif emendat bl-Anness II ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aġġornament tas-software.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti C, il-punt 5, fit-tabella, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

“5.5.	DF	Semitrejler b'kollegament	Semitrejler bin-nagħla mmuntata fuq wara b'tali mod li s-semitrejler b'kollegament ikun jista' jirmonka semitrejler ieħor.
5.6.	DG	Trejler bi żbarra tal-irmonk b'kollegament	Trejler bi żbarra tal-irmonk bin-nagħla mmuntata fuq wara b'tali mod li t-trejler b'kollegament ikun jista' jirmonka semitrejler ieħor.”.

(2) fl-Appendiċi 2, tiddaħħal ir-ringiela 32 li ġejja:

“32. Tarpolin li jinżel mal-ġenb;”.

—

ANNEX II

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI I

Atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje illimitata

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

għat-tabella għall-vetturi prodotti f'serje mhux limitata

- X: Tapplika għall-kategorija tal-vettura, għall-unità teknika separata jew għall-komponent f'konformità mal-att regolatorju kif indikat
- IF: Tapplika biss jekk is-sistema, l-unità teknika separata jew il-komponent ikunu mwaħħla mal-vettura fil-kategorija tal-vettura rispettiva

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent	
A	SISTEMI TA' TRAŻŻIN, TESTIJET TAL-HBIT, INTEGRITÀ TAS-SISTEMA TAL-FJUWIL U SIKUREZZA ELETTRIKA B'VULTAĠĠ GĦOLI														
A1	Aċċessorji ta' ġewwa	Regolament (UE) 2019/2144	X												
A2	Sits u trażżin għar-ras	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X							
A3	Sits tax-xarabank	Regolament (UE) 2019/2144		X	X									X	
A4	Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X							
A5	Ċinturini tas-sikurezza u sistemi ta' trażżin	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	X	
A6	Tfakkiriet għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X							
A7	Sistemi diviżorji	Regolament (UE) 2019/2144											X		
A8	Ankraġġi tat-trażżin għat-tfal	Regolament (UE) 2019/2144	X	IF X	IF X	IF X	IF X	IF X							
A9	Sistemi tat-trażżin għat-tfal (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	X	
A10	Sistemi mtejba tat-trażżin għat-tfal (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	X	
A11	Protezzjoni ta' quddiem kontra l-underrun	Regolament (UE) 2019/2144					X	X					X	X	
A12	Protezzjoni ta' wara kontra l-underrun	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
A13	Protezzjoni laterali	Regolament (UE) 2019/2144					X	X			X	X			
A14	Sikurezza tat-tank tal-karburant (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
A15	Sikurezza tal-gass likwifikat miż-żejt (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X	

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
A16	Sikurezza tal-gass naturali kkompressat u likwifikat (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X
A17	Sikurezza tal-idroġenu (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X
A18	Kwalifikazzjoni tal-materjal tas-sistema tal-idroġenu (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X
A19	Sikurezza tal-elettriku waqt l-użu (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X
A20	Impatt frontali mhux iċċentrat	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
A21	Impatt frontali fuq il-wisa' kollu	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
A22	Stering protettiv	Regolament (UE) 2019/2144	X			X							X	
A23	Airbag ta' sostituzzjoni	Regolament (UE) 2019/2144											X	
A24	Impatt fuq il-kabina	Regolament (UE) 2019/2144				X	X	X						
A25	Impatt fil-ġenb	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
A26	Impatt fil-ġenb ma' arblu	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
A27	Impatt minn wara	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
A28	Sistemi eCall immuntati fil-vettura bbażati fuq in-numru 112	Regolament (UE) 2015/758	X			X							X	X
B	UTENTI VULNERABBLI TAT-TRIQQ, VIŻJONI U VIŻIBILTÀ													
B1	Protezzjoni tar-riġel u tar-ras tal-persuna bil-mixi	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
B2	Żona mkabbla tal-impatt fuq ir-ras	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
B3	Sistema ta' protezzjoni frontali	Regolament (UE) 2019/2144	X			X							X	
B4	Ibbrejkjar ta' emerġenza avanzat għal persuni bil-mixi u ċiklisti	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
B5	Twissija tal-ħbit ma' persuni bil-mixi u ċiklisti	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X					X	
B6	Sistema ta' informazzjoni tal-punt moħbi	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X					X	
B7	Detezzjoni tal-irriverjar	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	
B8	Viżjoni 'l quddiem	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
B9	Viżjoni diretta ta' vetturi heavy-duty	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X						
B10	Ħġieġ tas-sikurezza	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		X
B11	Sistemi li jneħħu s-silġ u ċ-ċpar	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
B12	Ħasil/imsiħ	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	
B13	Tagħmir għall-viżjoni indiretta	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X
B14	Sistemi Akustiċi ta' Twissija ta' Vettura	Regolament (UE) Nru 540/2014	X	X	X	X	X	X						
C	XAŻI TAL-VETTURA, IBBREJKJAR, TAJERS U STERING													
C1	Tagħmir tal-istering	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
C2	Twissija tal-ħruġ mill-karreġġata	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X						
C3	Sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
C4	Ibbrejkjar	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
C5	Parts ta' sostituzzjoni tal-ibbrejkjar	Regolament (UE) 2019/2144											X	
C6	Assistenza fl-ibbrejkjar	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
C7	Kontroll tal-istabbiltà	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
C8	Ibbrejkjar ta' emerġenza avanzat fuq vetturi heavy-duty	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X						
C9	Ibbrejkjar ta' emerġenza avanzat fuq vetturi ħfief	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
C10	Sikurezza u prestazzjoni ambjentali tat-tajers	Regolament (UE) 2019/2144												X
C11	Roti ta' riżerva u sistemi run-flat (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
C12	Tajers mogħtija tread ġdid (retreaded)	Regolament (UE) 2019/2144												X
C13	Monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għal vetturi ħfief	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
C14	Monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għal vetturi heavy-duty	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X			X	X		
C15	Installazzjoni tat-tajers	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
C16	Roti ta' sostituzzjoni	Regolament (UE) 2019/2144												X

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
D	STRUMENTI ABBORD, SISTEMA ELETTRIKA, DWAL TAL-VETTURA U PROTEZZJONI KONTRA L-UŻU MHUX AWTORIZZAT, INKLUŻI ATTACKKI ĊIBERNETIĊI													
D1	Twissija akustika	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X
D2	Interferenza tar-radju (kompatibbiltà elettromanjetika)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
D3	Protezzjoni kontra l-użu mhux awtorizzat, immobilizzatur u sistemi ta' allarm	Regolament (UE) 2019/2144	X	IF X	IF X	X	IF X	IF X					X	X
D4	Protezzjoni tal-vetturi kontra l-attakki ċibernetiċi	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	X
D5	Spidometru	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
D6	Odometru	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
D7	Tagħmir li jillimita l-veloċità	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X						X
D8	Assistenza intelliġenti tal-veloċità	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	
D9	Identifikazzjoni ta' kontrolli, ta' indikaturi operatorji u ta' indikaturi	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
D10	Sistemi tat-tisħin	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		X
D11	Tagħmir għas-sinjalar bid-dawl	Regolament (UE) 2019/2144												X
D12	Tagħmir għall-illuminazzjoni tat-triq	Regolament (UE) 2019/2144												X
D13	Tagħmir retroriflettiv	Regolament (UE) 2019/2144												X

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
D14	Sorsi ta' dawl	Regolament (UE) 2019/2144												X
D15	Installazzjoni ta' sinjalar bid-dawl, illuminazzjoni tat-triq u tagħmir retroriflettiv	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
D16	Sinjal ta' waqfien ta' emerġenza	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
D17	Naddafa tal-fanali ta' quddiem (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						X
D18	Indikatur tal-bdil tal-gerijiet	Regolament (UE) 2019/2144	X											
E	IMĠIBA TAS-SEWWIEQ U TAS-SISTEMA													
E1	Faċilitazzjoni għall-installazzjoni tat-tagħmir li jidentifika l-użu tal-alkoħol	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
E2	Twissija tal-ħedla u tal-attenzjoni tas-sewwieq	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
E3	Twissija avanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
E4	Sistema għall-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-sewwieq (fil-każ ta' vetturi awtomatizzati)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
E5	Reġistratur tad-data f'każ ta' avveniment	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X					X	
E6	Sistemi għas-sostituzzjoni tal-kontroll tas-sewwieq (fil-każ ta' vetturi awtomatizzati)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
E7	Sistemi li jipprovdu l-vettura b'taġhrif dwar il-qagħda tal-vettura u l-madwar (fil-każ ta' vetturi awtomatizzati)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
E8	Platooning (IF)	Regolament (UE) 2019/2144		X	X		X	X						
E9	Sistemi li jipprovdut tagħrif dwar sigurtà lil utenti oħra tat-triq (fil-każ ta' vetturi awtomatizzati)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
F	KOSTRUZZJONI ĠENERALI U KARATTERISTIĊI TAL-VETTURA													
F1	Spazju tal-panċa tar-reġistrazzjoni	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
F2	Moviment tar-rivers	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
F3	Lukketti u ċappetti tal-bibien	Regolament (UE) 2019/2144	X			X								
F4	Skaluni, imqabad u stafef tal-bibien	Regolament (UE) 2019/2144	X			X	X	X						
F5	Projezzjonijiet esterni	Regolament (UE) 2019/2144	X											
F6	Projezzjonijiet esterni tal-kabini tal-vetturi kummerċjali	Regolament (UE) 2019/2144				X	X	X						
F7	Pjanċa statutorja u numru ta' identifikazzjoni tal-vettura	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
F8	Tagħmir tal-irmonk	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X						
F9	Irpari tar-roti	Regolament (UE) 2019/2144	X											
F10	Sistemi ta' trażżin tal-isprej	Regolament (UE) 2019/2144				X	X	X	X	X	X	X	X	
F11	Mases u dimensjonijiet	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
F12	Igganċjar mekkaniku	Regolament (UE) 2019/2144	IF X	IF X	IF X	IF X	IF X	IF X	X	X	X	X	X	X
F13	Vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża (IF)	Regolament (UE) 2019/2144				X	X	X	X	X	X	X		
F14	Kostruzzjoni ġenerali tax-xarabanks	Regolament (UE) 2019/2144		X	X									
F15	Qawwa tas-sovrastruttura ta' xarabank	Regolament (UE) 2019/2144		X	X									
F16	Fjammabbiltà fix-xarabanks	Regolament (UE) 2019/2144			X									X
G	PRESTAZZJONI AMBJENTALI U EMISSJONIJET													
G1	Livell tal-ħoss	Regolament (UE) Nru 540/2014	X	X	X	X	X	X					X	
G2	Emissjonijiet mit-tailpipe tal-vettura fil-laboratorju	Regolament (KE) Nru 715/2007	X	X		X	X							X
G2a	Determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO ₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vettura u apparat għall-monitoraġġ abbord il-vettura tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija elettrika.	Regolament (KE) Nru 715/2007	X	X		X	X							X
G3	Emissjonijiet mit-tailpipe tal-magna fil-laboratorju	Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X					X	
G3a	Determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO ₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vettura	Regolament (KE) Nru 595/2009			X		X	X						
G3b	Determinazzjoni tal-prestazzjoni tal-effiċjenza enerġetika speċifika tat-trejler	Regolament (KE) Nru 595/2009									X	X		

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
G4	Emissjonijiet mit-tailpipe fit-triq	Regolament (KE) Nru 715/2007 Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X					X	
G5	Durabbiltà tal-emissjonijiet mit-tailpipe	Regolament (KE) Nru 715/2007 Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X					X	
G6	Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank	Regolament (KE) Nru 715/2007 Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X					X	
G7	Emissjonijiet evaporattivi	Regolament (KE) Nru 715/2007	X	X		X	X							
G8	Emissjonijiet mit-tailpipe b'temperatura baxxa fil-laboratorju	Regolament (KE) Nru 715/2007	X	X		X	X							
G9	Dijanjestika fil-vettura	Regolament (KE) Nru 715/2007 Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X					X	
G10	Nuqqas ta' tagħmir ta' riduzzjoni	Regolament (KE) Nru 715/2007 Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X					X	
G11	Strateġiji tal-emissjonijiet awżiljarji	Regolament (KE) Nru 715/2007 Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X					X	
G12	Apparat kontra t-tbagħbis	Regolament (KE) Nru 715/2007 Regolament (KE) Nru 595/2009	X	X	X	X	X	X						
G13	Riċiklabbiltà	Direttiva 2005/64/KE	X			X								
G14	Sistemi ta' kondizzjonament tal-arja	Direttiva 2006/40/KE	X			X								X

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	STU	Komponent
H	AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IL-VETTURA U AĠĠORNAMENT TAS-SOFTWARE													
H1	Aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura	Ir-Regolament (UE) 2018/858, l-Artikoli 61 sa 66 u l-Anness X.	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		
H2	Aġġornament tas-software	Regolament (UE) 2018/858, Anness IV Regolament tan-NU Nru 156	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		

L-entrata u l-entrati tas-suġġett elenkati fit-tabella ta' hawn fuq għandhom japplikaw għall-fini ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683, l-Anness II, il-Parti III mis-6 ta' Diċembru 2022 għal approvazzjonijiet tat-tip ġodda ta' vetturi sħaħ u mis-6 ta' Diċembru 2024 għal approvazzjonijiet eżistenti.

Il-konformità mar-Regolament (UE) 2019/2144 hija obligatorja, madankollu, approvazzjoni tat-tip separata skont dak ir-Regolament ma hijiex prevista peress li tirrappreżenta l-ġbir ta' entrati individwali.

Il-konformità mal-entrati G2 sa G12 hija obligatorja, madankollu, hija prevista biss approvazzjoni tat-tip waħda, jew skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew skont ir-Regolament (UE) Nru 595/2009, li tiddependi mill-kamp ta' applikazzjoni”.

(2) Appendiċi 1 għall-Parti I huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Appendiċi 1

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

għat-tabelli għal vetturi prodotti f'serje żgħira

Japplikaw ir-reqwiziti stabbiliti fit-tabella 1 għal “Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I” dment li:

- it-tip ta' vettura ma jkunx ibbażat fuq jew derivat minn vettura prodotta f'serje kbira, inklużi dawk għal swieq tal-UE jew għal swieq terzi; u
- in-numru kkombinat ta' unitajiet tal-manifattur, tat-tipi kollha ta' vetturi tal-kategoriji M u N tiegħu rreġistrati, magħmula disponibbli fis-suq jew imdaħħla fis-servizz kull sena fl-Unjoni ma jaqbiżx l-1 500.

Fil-każijiet l-oħra kollha, japplikaw ir-reqwiziti stabbiliti fit-tabella 1 għal “Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II” u fit-tabella 2.

X: Applikazzjoni sħiħa tal-att regolatorju kif ġej:

- (a) għandu jkun meħtieġ ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip;
- (b) it-testijiet u l-verifiki għandhom isiru mis-servizz tekniku jew mill-manifattur fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 67 sa 81;
- (c) għandu jiġi abbozzat ir-rapport tat-test f'konformità mal-Anness III;
- (d) għandha tiġi żgurata l-Konformità tal-Produzzjoni.

A: Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej:

- (a) ir-reqwiziti kollha tal-att regolatorju għandhom jiġu ssodisfati sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor;
- (b) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip ma jkunx meħtieġ;
- (c) it-testijiet u l-verifiki għandhom isiru mis-servizz tekniku jew mill-manifattur fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 67 sa 81;
- (d) għandu jiġi abbozzat rapport tat-test f'konformità mal-Anness III;
- (e) għandha tiġi żgurata l-Konformità tal-Produzzjoni.

B: Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej:

L-istess għan-nota ta' spjegazzjoni “A” bl-eċċezzjoni li t-testijiet u l-verifiki jistgħu jsiru mill-manifattur stess, soġġett għall-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni.

C: Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej:

- (a) ir-reqwiziti tekniċi mill-att regolatorju għandhom jiġu ssodisfati, imma b'dispożizzjoni tranżizzjonali differenti;
- (b) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip ma jkunx meħtieġ;
- (c) it-testijiet u l-verifiki għandhom isiru mis-servizz tekniku jew mill-manifattur fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 67 sa 81;
- (d) għandu jiġi abbozzat rapport tat-test f'konformità mal-Anness III;
- (e) għandha tiġi żgurata l-Konformità tal-Produzzjoni.

IF: Is-sistemi, l-unitajiet tekniċi separati jew il-komponenti għandhom jissodisfaw ir-reqwiziti jekk jitwaxxlu mal-vettura

mhux applikabbli (m/a): Mhux applikabbli

Id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fit-tabella 1 u fit-tabella 2 ma jistgħux jitħalltu jew jiġu kkombinati.

Tabella 1

Atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi misjuqa b' mod manwali prodotti f' serje żgħira skont l-Artikolu 41

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f' serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f' serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
A	SISTEMI TA' TRAŻŻIN, TESTIJET TAL-HBIT, INTEGRITÀ TAS-SISTEMA TAL-FJUWIL U SIKUREZZA ELETRIKA B'VULTAĠĠ GĦOLI					
A1	Aċċessorji ta' ġewwa	Regolament (UE) 2019/2144	<p>B</p> <p>(a) Arranġament ta' ġewwa</p> <p>(i) Rekwiżiti dwar ir-raġġi u l-protruzzjoni għal swiċċijiet, pull-knobs u l-bqija, kontrolli u aċċessorji ġenerali ta' ġewwa Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.1 sa 5.6 tar-Regolament Nru 21 tan-NU jistgħu jiġu rinunzjati fuq talba tal-manifattur. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.2 tar-Regolament Nru 21 tan-NU bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 5.2.3.1, 5.2.3.2 u 5.2.4 ta' dak ir-Regolamenti għandhom japplikaw.</p> <p>(ii) Testijiet ta' assorbiment tal-enerġija fuq id-daxxbord ta' fuq għandhom isiru biss meta l-vettura ma jkollhiex minimu ta' żewġ airbags fuq quddiem jew żewġ ċineg integrali statiċi b'erba' punti.</p> <p>(iii) Test tal-assorbiment tal-enerġija fuq il-parti ta' wara tas-sits: mhux applikabbli</p> <p>(b) Tħaddim bid-dawl tat-twieqi, tas-sistemi tal-pannelli tas-saqaf u tas-sistemi ta' diviżjonar Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha tal-paragrafu 5.8 tar-Regolament Nru 21 tan-NU.</p>	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	B	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
A2	Sits u trażżin għar-ras	Regolament (UE) 2019/2144	<p>B</p> <p>(a) Rekwiżiti ġenerali</p> <p>(i) Għandhom japplikaw ir-Rekwiżiti Speċifiċi tal-paragrafu 5.2 tar-Regolament Nru 17 tan-NU bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 5.2.3 ta' dak ir-Regolament.</p> <p>(ii) Testijiet tas-saħħa għad-dahar tas-sit u s-sistemi ta' trażżin tar-ras Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2 tar-Regolament Nru 17 tan-NU.</p> <p>(iii) Testijiet ta' ftuħ u aġġustament It-test għandu jitwettaq f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness 7 tar-Regolament Nru 17 tan-NU.</p> <p>(b) Trażżin tar-ras</p> <p>(i) Għandhom japplikaw ir-Rekwiżiti Speċifiċi tal-paragrafi 5.4, 5.5, 5.6, 5.10, 5.11 u 5.12 tar-Regolament Nru 17 tan-NU bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 5.5.2 ta' dak ir-Regolament.</p> <p>(ii) Testijiet tas-saħħa fuq is-sistemi ta' trażżin tar-ras Għandu jitwettaq it-test preskritt fil-paragrafu 6.4 tar-Regolament Nru 17 tan-NU.</p> <p>(c) Rekwiżiti speċjali rigward il-protezzjoni tal-okkupanti minn bagalji li jinjalghu minn posthom Ir-rekwiżiti tal-Anness 9 għar-Regolament Nru 17 tan-NU jista' jiġu rrinunzjati fuq talba mill-manifattur.</p>	B	B	B

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
A3	Sits tax-xarabank	Regolament (UE) 2019/2144	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni
A4	Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza	Regolament (UE) 2019/2144	B	B	B	B
A5	Ċinturini tas-sikurezza u sistemi ta' trażżin	Regolament (UE) 2019/2144	(a) Komponenti X (b) Rekwiżiti tal-installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Rekwiżiti tal-installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Rekwiżiti tal-installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Rekwiżiti tal-installazzjoni B
A6	Tfakkiriet għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza	Regolament (UE) 2019/2144	B	B	B	B
A7	Sistemi diviżorji	Regolament (UE) 2019/2144	tagħmir	tagħmir	tagħmir	tagħmir
A8	Ankraġġi tat-trażżin għat-tfal	Regolament (UE) 2019/2144	B	IF B	B	IF B
A9	Sistemi tat-trażżin għat-tfal (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X
A10	Sistemi mtejbja tat-trażżin għat-tfal (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X
A11	Protezzjoni ta' quddiem kontra l-underrun	Regolament (UE) 2019/2144	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni
A12	Protezzjoni ta' wara kontra l-underrun	Regolament (UE) 2019/2144	B	B	B	B
A13	Protezzjoni laterali	Regolament (UE) 2019/2144	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
A14	Sikurezza tat-tank tal-karburant (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	B (a) Tankijiet tal-karburant likwidu (b) Installazzjoni fil-vettura	B (a) Tankijiet tal-karburant likwidu (b) Installazzjoni fil-vettura	B (a) Tankijiet tal-karburant likwidu (b) Installazzjoni fil-vettura	B (a) Tankijiet tal-karburant likwidu (b) Installazzjoni fil-vettura
A15	Sikurezza tal-gass likwifikat miż-żejt (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B
A16	Sikurezza tal-gass naturali kkompressat u likwifikat (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B
A17	Sikurezza tal-idroġenu (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	X	X	X	X
A18	Kwalifikazzjoni tal-materjal tas-sistema tal-idroġenu (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B	(a) Komponenti X (b) Installazzjoni B
A19	Sikurezza tal-elettriku waqt l-użu (IF)	Regolament (UE) 2019/2144	B	B	B	B
A20	Impatt frontali mhux iċċentrat	Regolament (UE) 2019/2144	B Għandhom japplikaw għal vetturi mgħammra bl-airbags fuq quddiem. Minflok, jista' jikkonforma mal-A21 Impatt frontali fuq il-wisa' kollu, skont l-għażla tal-manifattur. Il-vetturi li ma jkunux mgħammra bl-airbags għandhom jikkonformaw mal-A22 Stering protettiv (kompletament)	B Għandhom japplikaw għal vetturi mgħammra bl-airbags fuq quddiem. Minflok, jista' jikkonforma mal-A21 Impatt frontali fuq il-wisa' kollu, skont l-għażla tal-manifattur. Il-vetturi li ma jkunux mgħammra bl-airbags għandhom jikkonformaw mal-A22 Stering protettiv (kompletament)	B	B Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-impatt frontali mhux iċċentrat dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrispettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta'

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
				Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-impatt frontali mhux iċċentrat dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrispettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan u li s-sistemi ta' trażżin rilevanti ma jkunux ġew immodifikati sal-punt li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' sikurezza, kif miftiehem mis-servizz tekniku.		sewqan u li s-sistemi ta' trażżin rilevanti ma jkunux ġew immodifikati sal-punt li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' sikurezza, kif miftiehem mis-servizz tekniku.
A21	Impatt frontali fuq il-wisa' kollu	Regolament (UE) 2019/2144	B Fuq bażi volontarja	B Fuq bażi volontarja Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-impatt frontali mhux iċċentrat dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrispettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan u li s-sistemi ta' trażżin rilevanti ma jkunux ġew immodifikati sal-punt li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' sikurezza, kif miftiehem mis-servizz tekniku.	B	B Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-impatt frontali mhux iċċentrat dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrispettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan u li s-sistemi ta' trażżin rilevanti ma jkunux ġew immodifikati sal-punt li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' sikurezza, kif miftiehem mis-servizz tekniku.

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
A22	Stering protettiv	Regolament (UE) 2019/2144	B Għandu japplika għal vetturi li ma jikkonformawx mal-A20 Impatt frontali mhux iċċentrat jew mal-A21 Impatt frontali fuq il-wisa' kollu	B Għandu japplika għal vetturi li ma jikkonformawx mal-A20 Impatt frontali mhux iċċentrat jew mal-A21 Impatt frontali fuq il-wisa' kollu	B	B
A23	Airbag ta' sostituzzjoni	Regolament (UE) 2019/2144	tagħmir	tagħmir	tagħmir	tagħmir
A24	Impatt fuq il-kabina	Regolament (UE) 2019/2144	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	B It-test A huwa meħtieġ għal vetturi b'massa massima permissibbli ta' 1 500 kg jew aktar jekk ma tkunx intweriet il-konformità ma' A20 Impatt frontali mhux iċċentrat, A21 Impatt frontali fuq il-wisa' kollu jew A22 Stering protettiv. It-test C huwa meħtieġ biss għal vetturi li għandhom kabina separata. Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-reqwiziti għall-impatt fuq il-kabina dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrispettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan.	mhux fil-kamp ta' applikazzjoni	B It-test A jitqies li huwa ssodisfat permezz ta' A20 Impatt frontali mhux iċċentrat, A21 Impatt frontali fuq il-wisa' kollu jew A22 Stering protettiv. It-test C huwa meħtieġ biss għal vetturi li għandhom kabina separata. Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-reqwiziti għall-impatt fuq il-kabina dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrispettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan.

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
A25	Impatt fil-ġenb	Regolament (UE) 2019/2144	<p>B</p> <p>Test tal-forma tar-ras Il-manifattur għandu jipprovdi s-servizz tekniku b'informazzjoni xierqa dwar impatt possibbli tar-ras tal-pupu mal-istruttura tal-vettura jew mal-ħġieġ tal-ġenb jekk magħmul minn ħġieġ laminat.</p> <p>Meta jintwera li aktarx li t-tali impatt iseħħ, għandu jsir it-test parzjali bl-użu tat-test tal-forma tar-ras deskritt fil-paragrafu 3.1. tal-Anness 8 tar-Regolament Nru 95 tan-NU u għandu jiġi ssodisfat il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 5.2.1.1. tar-Regolament Nru 95 tan-NU.</p> <p>Bi qbil mas-servizz tekniku, il-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 4 tar-Regolament Nru 21 tan-NU tista' tintuża bħala alternattiva għat-test tar-Regolament Nru 95 tan-NU.</p> <p>Inkella, jista' jitwettaq test fuq skala sħiħa f'konformità mar-Regolament Nru 95 tan-NU.</p>	<p>B</p> <p>Test tal-forma tar-ras Il-manifattur għandu jipprovdi s-servizz tekniku b'informazzjoni xierqa dwar impatt possibbli tar-ras tal-pupu mal-istruttura tal-vettura jew mal-ħġieġ tal-ġenb jekk magħmul minn ħġieġ laminat.</p> <p>Meta jintwera li aktarx li t-tali impatt iseħħ, għandu jsir it-test parzjali bl-użu tat-test tal-forma tar-ras deskritt fil-paragrafu 3.1. tal-Anness 8 tar-Regolament Nru 95 tan-NU u għandu jiġi ssodisfat il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 5.2.1.1. tar-Regolament Nru 95 tan-NU.</p> <p>Bi qbil mas-servizz tekniku, il-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 4 tar-Regolament Nru 21 tan-NU tista' tintuża bħala alternattiva għat-test tar-Regolament Nru 95 tan-NU.</p> <p>Inkella, jista' jitwettaq test fuq skala sħiħa f'konformità mar-Regolament Nru 95 tan-NU.</p>	B	<p>B</p> <p>Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-impatt fil-ġenb dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrispettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan u li s-sistemi ta' trazzjin rilevanti ma jkunux ġew immodifikati sal-punt li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' sikurezza, kif miftiehem mis-servizz tekniku.</p>

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
				Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-impatt fil-ġenb dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrISPettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan u li s-sistemi ta' trażżin rilevanti ma jkunux ġew immodifikati sal-punt li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' sikurezza, kif miftiehem mis-servizz tekniku.		
A26	Impatt fil-ġenb ma' arblu	Regolament (UE) 2019/2144	m/a	m/a	B	B Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-impatt fil-ġenb ma' arblu dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrISPettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan u s-sistemi ta' trażżin rilevanti ma jkunux ġew immodifikati sal-punt li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' sikurezza, kif miftiehem mis-servizz tekniku.

Entrata	Suġġett	Att regolatorju	Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira I		Skema għal vetturi prodotti f'serje żgħira II	
			M ₁	N ₁	M ₁	N ₁
A27	Impatt minn wara	Regolament (UE) 2019/2144	m/a	m/a	B	B Il-vetturi kompluti jitqiesu li jikkonformaw mar-reqwiziti għall-impatt minn wara dment li tkun intweriet il-konformità, mill-inqas għall-konfigurazzjoni tal-vann jew tax-xażi-kabina, b'sistema tal-motopropulsjoni xierqa, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip fi stadju preċedenti, irrISPettivament miż-żieda fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan.
